MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1309/2002

**Rita mart Hartmut Kniep**

**vs.**

**Dr. Richard Sladden u P.L. Liliana Buhagiar nominati b'digriet tad-19 ta' Lulju 2002 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti minn dawn il-Gzejjer Hartmut Kniep**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Germanja fil-15 ta' Mejju 1996 (Dok. "A"), liema zwieg il-konjugi Kniep kellhom tifla li semmewha Alessia u giet irregistrata l-Germanja (ara Dok. "C").

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, u abbandun totali tal-familja. Tant li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-karattri tal-kontendenti huma nkompatibbli.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla numru 1786/2002, hawn anness bhala dokument "D", permezz ta' liema Digriet l-attrici giet appuntata kuratrici *ad litem* ta' l-imsemmija ulied minuri.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

3. Tiddeciedi jekk tezistix komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, f'liema kaz tiddikjaraha xolta skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

4. Jekk ikun il-kaz, tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl ta' l-**artikolu 48 subinciz (1) (c) u ta' artikolu 53 tal-Kodici Civili;**

5. Tqieghed lill-minuri Alessia fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

6. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal binthom minuri Alessia a tenur ta' **artikolu 54 tal-Kodici Civili,** liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentement mill-penzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura, inkluz dawk tas-Sekond’ Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 23 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tas-17 ta’ Jannar 2003 a fol. 31 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 32 sa 34 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici datata 24 ta’ Frar 2003 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tat-2 t’April 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li l-kuraturi deputati ma rnexxielhomx jikkomunikaw mal-konvenut assenti u ghaldaqstant baqghu bla risposta. Inghata digriet nota guramentata lill-attrici b’terminu ta’ ghaxart ijiem u t-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici gie estiz b’hamsin (50) gurnata ohra.  Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ hamsin (50) jum min-notifika.

Rat il-verbal tal-1 t’Ottubru 2003 fejn Dr. Leslie Cuschieri ghall-attirici ddikjara li m’hemm xejn x’jigi likwidat fil-komunjoni tal-akkwisti, li l-kura u l-kustodja tinsab f’idejn l-attrici, u li l-attrici m’ghandhiex informazzjoni jekk il-konvenut ghandux introjtu jew le.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Rita Kniep** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Jien twelidt fit-23 ta' Dicembru 1961. Meta kont ghadni fuq l-ghoxrin sena kelli diversi 'pen-friends', u fosthom kelli lil certu Hartmut Kniep minn Meinsdorf fil-Germanja li kienet tal-Lvant. Darba dan kien gie Malta u ltqajna u bqajna f'kuntatt kontinwu ma' xulxin; kien icempilli spiss. Hartmunt twieled fit-3 ta' Marzu 1958. Jien tlajt il-Germanja u ltqajt mieghu hemm. Bqajna f'kuntatt ghal certu zmien, imbaghad iddecidejna li nizzewgu.*

*Fil-fatt kien il-15 ta' Mejju 1996 meta ahna zzewwigna f'Emslin fil-Germanja, u ddecidejna li nibqghu nghixu fil-Germanja. Il-genituri tieghi kienu gew sija ghat-tieg kif ukoll f'okkazjonijiet ohra wara. Fit-23 t'April 1997 twelditilna tifla, Alessia, u sa hawn kien jidher li z-zwieg taghna kien irnexxa. Ghandi nghid li qabel izzewwigna zewgi kien jahdem bhala 'welder' fil-vicin ta' fejn kien joqghod hu u fejn imbaghad mort noqghod jien. Imbaghad meta t-tifla kellha madwar tliet (3) snin, il-kumpanija li kien jahdem maghha zewgi kecciet hafna haddiema, inkluz zewgi, u dan baqa' bla xoghol ghal sena u seba' xhur. Kien joqghod id-dar u jfittex ix-xoghol. Kien jircievi xi ghajnuna socjali, imma ftit. Gieli kien jaghmel xi xoghol 'part-time' iqassam l-ikel bil-vann, izda minn dan ma tantx kellu qliegh. Tul dan iz-zmien akkumulalna hafna dejn, specjalment fuq id-dar li ggib l-indirizz 67, Brandtgasse, Meinsdorf (Germanja).*

*Imbaghad zewgi sab xoghol fin-naha tal-punent tal-Germanja, jigifieri 'l boghod hafna minn fejn konna noqghod. Kien jitlaq mid-dar il-Hadd bil-lejl, jaghmel gimgha xoghol bhala 'welder' ukoll, imbaghad il-Gimgha fil-ghaxija jerga' jigi lura d-dar. Imbaghad sab xoghol ta'*

*‘welder’ go Offenbach fejn kellu kundizzjonijiet tax-xoghol ahjar. L-ahhar li naf dwar dan ix-xoghol kien li zewgi kien qed jaqla’ l-ekwivalenti ta’ madwar Lm700 fix-xahar.*

*Kif ghidt, minhabba z-zmien li dam ma jahdimx, imtlejna bid-djun. Id-dar kienet mikrija minghand l-istat, u waqajna hafna lura fil-hlas tal-kirjiet. Gieli kienu ser jaqtghulna d-dawl. Gieli kienu ser ikecculna t-tifla mill-iskola, gieli jiqu qishom marixxalli biex jitolbu l-hlas.*

*Irrid nghid ukoll li sa minn qabel izzewwigna Hartmut kien qalli li hu kien mizzewweg qabel u minn dak iz-zwieg huwa kellu zewg guvintur; biss kien qalli li m’ghandux x’jaqsam maghhom aktar. Imbghad gurnata fost l-ohrajn, meta konna qed nghixu bid-diffikultajiet li semmejt, zewgi rcieva mill-Qorti li huwa kellu jhallas somma gmiela lil uliedu biex ipatti ghal dak li ma kienx tahom qabel. Zewgi qalli li ma kienx jaf b’dan, u ssuggerieli li sa ma jaqta’ d-dejn kollu, jien kelli ninzel Malta bit-tifla biex inaqqas l-ispejjez. Huwa qalli li xorta kien ser jibghatli xi flus mill-Germanja. Meta jinqata’ d-dejn kollu kellu jinfurmani u jien nerga’ nitla’ hemmhekk. Jien accettajt, gbart il-hwejjeg tieghi u tat-tifla u fid-9 ta’ Dicembru 2001 gejt Malta mat-tifla u bdejt nghix m’ommi. Xi ghamara u hwejjeg ohra li kont tellajt mieghi qabel iz-zwieg hallejhtom hemm, peress li kelli nerga’ mmur. Bhala dota kelli hwejjeg, lozor, borom, ornamenti antiki u affarijiet tal-kcina, u dawn ghadhom hemm.*

*Malli wasalt Malta konna bdejna ncemplu lil xulxin regolarment, izda aktar ma beda jghaddi zmien aktar beda jinqata’ l-kuntatt. Jien ma kontx qed naqbdu izjed bit-telefon u ghalhekk kien hu li ried icempilli. Kitibli darba biss u baghat xi flus f’okkazjoni wahda. Imbaghad matul is-sena l-ohra (2002) inqata’ l-kuntatt kollu li kelli mieghu, u ma nafx ghadux jghix fid-dar li kellna.*

*Hartmut kellu diversi ahwa, izda jien lil ohtu Martina naf sewwa. Minn zmien ghal zmien ghadna niktbu lil xulxin. Din ukoll m’ghandhiex hafna kuntatt ma’ zewgi, izda recentement kitbitli u tatni ndirizz fejn aktarx insibu. Jien*

*ghadni ma ktibtlux f'dan l-indirizz f'Offenbach (ara kopja annessa, dokument "RK1").*

*Missier Hartmut miet zghir, u zewgi jghid li ma jafx biex. Izda maz-zmien zmajt li huwa kien jisker hafna, u nissuspetta li miet b'hekk. Ommu ghadha hajja, u gieli kitbitli xi ittra, izda din ukoll inqatghet mill-kuntatt ma' zewgi".*

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u dan peress li l-kontendenti qatghu kwazi kull kuntatt li kellhom ma' xulxin, tant li jidher li l-konvenut baqa' l-Germanja waqt li l-attrici tinsab ma' bintha hawn Malta.

Illi jidher li l-kawza ta' dan id-disgwid kienet l-irresponsabbilta' tal-konvenut li naqas li jaghraf kif jipprovdi ghall-istess familja, tant li jista' jinghad li llum kwazi abbandunahom, anke minhabba d-dejn li l-istess konvenut akkumula, u anke minhabba relazzjonijiet li huwa kellu qabel iz-zwieg tieghu mal-attrici, li mhux kollha kien informaha bihom, b'dan li l-hajja bejn l-istess konjugi kienet giet *resa* mpossibbli, u kien ghalhekk li l-istess attrici giet Malta.

Illi dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li tali zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'servizzi u ngurji gravi, li wasslu sabiex il-konvenut lanqas biss mantna la lill-attrici u lanqas lil binthom.

Illi abbazi ta' dan kollu l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, kif l-istess ghandha tigi milqugha t-tieni talba.

Illi dwar it-tielet talba attrici din ghandha wkoll tintlaqa'. U illi din il-Qorti tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-9 ta' Dicembru 2001.

Illi dwar ir-raba' talba din il-Qorti tiddikjara li ma hemm xejn ta' valur x'jigi likwidat, b'dan pero' li d-dejn kollu li sar

fil-Germanja mill-konvenut ghandu jibqa' jigi mhallas mill-istess konvenut, u fid-dawl ta' dak fuq imsemmi ghandhom japplikaw kontra l-konvenut d-dispozizzjonijiet kollha *ai termini* tal-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

Illi peress li jirrizulta li l-attrici qeghda effettivament trabbi lill-minuri l-kura, il-kustodja tal-istess ghandha tibqa' f'idejn l-attrici.

Illi dwar is-sitt talba l-attrici u l-istess minuri ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-istess konvenut, izda prova tad-dhul u ntrojtu tal-istess ma ngabitx f'din il-kawza, u allura din il-Qorti tastjeni milli tiffissa l-istess rata ta' manteniment.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut u dan minhabba sevizzi u ngurji gravi u ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u dan anke minhabba l-agir tal-konvenut, u wkoll inkompatibbilta' ta' karattru tal-partijiet.

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan b'effett mid-9 ta' Dicembru 2001.;

4. Tiddikjara li ma hemm xejn ta' valur fl-istess komunjoni tal-akkwisti, u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, b'dan pero' li l-konvenut assenti huwa tenut responsabbli ghal kull dejn li l-partijiet u l-istess konvenut ghamel u nkorra fil-Germanja u tapplika kontra l-konvenut dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** anke b'applikazzjoni tal-**artikolu 53 tal-Kodici Civili;**

5. Tqieghed lill-minuri Alessia fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

6. Tiddikjara li l-attrici u l-minuri Alessia ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-istess konvenut, u fil-waqt li tirriserva lill-attrici li tipprocedi gudizzjarjment kontra l-konvenut ghal fissazzjoni tal-istess alimenti meta jkun maghruf l-introjtu tal-konvenut, tiddikjara li ladarba ma tressqux provi dwar l-introjtu tal-konvenut, ma hemm l-ebda ammont ta' alimenti x'jista jigi likwidat f'din l-istanza.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------